Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,423, 17 ta' April, 2025

Taqsima B

A.L. 76 tal-2025

ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI
(KAP. 33)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 33.03.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Użu ta' logħob tan-nar b'emissjoni.

24. (1) Il-Kummissarju jista' jippermetti, kif soġġett għal rakkomandazzjoni pożittiva mill-Kumitat imwaqqaf skont l-artikolu 23 tal-Ordinanza, l-użu ta' logħob tan-nar b'emissjoni fuq Vetturi tal-Ajru bla Ekwipaġġ (UAVs) li jkollhom awtorizzazzjoni operattiva maħruġa mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili" tfisser id-Direttorat responsabbli għall-kwistjonijiet kollha marbuta mal-avjazzjoni ċivili, inkluż in-navigazzjoni fl-ajru, ir-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru u ipoteki fuq inġenji tal-ajru, il-forniment ta' servizzi anċillari u l-promozzjoni ta' Malta bħala ċentru internazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru u servizzi anċillari;

"logħob tan-nar b'emissjoni" tfisser xogħlijiet tan-nar li jemittu xrar, fjammi, jew effetti viżivi u ħsejjes oħra meta mqabbda. Dawn ix-xogħlijiet tan-nar huma ddiżinjati sabiex jipproduċu wirja ta' dawl u kulur permezz ta' rilaxx ikkontrollat ta' komposti pirotekniċi. Pirotekniċi li jkun fihom kwalunkwe tip ta' beraq jew faqqaturi u, jew projettili u, jew projettili proġettati ma għandhomx jaqgħu taħt din it-tifsira.

(2) Deċiżjoni sabiex ikun awtorizzat l-użu ta' tali Vetturi tal-Ajru bla Ekwipaġġ (UAVs) skont dawn ir-regolamenti għandha tinħareġ biss lill-persuna liċenzjata sabiex timmanifattura logħob tan-nar skont l-Ordinanza u dawn ir-regolamenti, diment li tali persuna jkollha wkoll awtorizzazzjoni operattiva sabiex tħaddem Vetturi tal-Ajru bla Ekwipaġġ (UAVs) jew tkun assistita minn persuna li jkollha tali awtorizzazzjoni operattiva.

(3) L-applikant għandu jissottometti d-dokumenti li ġejjin mal-applikazzjoni tiegħu, flimkien ma' kwalunkwe dokument ieħor meħtieġ mill-Kummissarju:

(a) prova li hu fil-pussess tal-liċenzji u awtorizzazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2), jew waħdu jew bi sħab ma' persuna oħra;

(b) kopertura ta' assigurazzjoni għall-avveniment u l-attivitajiet proposti li jkunu ser jitwettqu;

(ċ) valutazzjoni tar-riskju tal-operazzjoni maħsuba, inklużi miżuri sabiex jitnaqqas ir-riskju skont il-metodoloġija preskritta mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; u

(d) awtorizzazzjonijiet tat-titjir mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

(4) Il-Kummissarju jista' joħroġ biss awtorizzazzjoni relatata ma':

(a) avvenimenti ta' xogħlijiet tan-nar organizzati mill-Istat; u

(b) bil-kundizzjoni li l-Vetturi tal-Ajru bla Ekwipaġġ (UAVs) ma jdurux fl-ajru jew itiru fuq gruppi ta' nies.

(5) Fil-każ li l-Kummissarju jippermetti l-użu tal-Vetturi tal-Ajru bla Ekwipaġġ (UAVs) skont dan ir-regolament, huwa jista' jimponi limiti fuq in-numru ta' tali vetturi li jistgħu jintużaw.".